PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2023 (INI)**

5.9.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar it-titjib tad-dritt internazzjonali privat: regoli dwar il-ġurisdizzjoni applikabbli għall-impjieg
(2013/2023(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ria Oomen-Ruijten

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi r-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)) ma indirizzatx ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli fir-rigward tat-tilwimiet dwar l-impjiegi;

B. billi l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001[1] jipprevedi li t-teknika tar-riformulazzjoni għandha tintuża għal atti li huma emendati b'mod frekwenti, li ma kienx il-każ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000; billi, f'każijiet bħal dawn l-użu tat-teknika tar-riformulazzjoni huwa limitazzjoni mhux ġustifikata tad-drittijiet ta' kodeċiżjoni tal-Parlament;

C. billi, fil-prinċipju, il-qorti tal-Istat Membru bl-eqreb rabta mal-każ għandu jkollha l-ġurisdizzjoni; billi, fil-każ speċifiku ta' azzjoni industrijali, il-qrati tal-Istat Membru fejn l-azzjoni industrijali ttieħdet jew se tittieħed għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni;

1. Jinnota li wieħed mill-prinċipji ewlenin tad-dritt internazzjonali privat dwar il-ġurisdizzjoni huwa l-protezzjoni tal-parti l-aktar dgħajfa u li l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem huwa stipulat fir-regoli ta' ġurisdizzjoni attwali;

2. Jinnota li l-ħaddiema huma ġeneralment protetti sew mir-regoli ta' ġurisdizzjoni, f'materji ta' impjieg, meta jkunu konvenuti f'kawżi mressqa mill-impjegaturi tagħhom permezz tal-kriterji ta' ġurisdizzjoni esklużivi stabbiliti fir-Regolament Brussell I;

3. Jitlob li jittieħdu passi għat-titjib tar-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli għall-proċedimenti rigward kuntratti individwali ta' impjieg;

4. Jitlob li l-Kummissjoni tipproponi emenda għar-Regolament Brussell I li tipprovdi għal forum esklużiv għal tilwim li jikkonċerna l-azzjoni industrijali, fil-post fejn għandha tittieħed jew ittieħdet l-azzjoni industrijali;

5. Jitlob li l-Kummissjoni tipproponi emenda għall-Artikolu 19 tar-Regolament Brussell I biex tiżgura li l-ħaddiem jista' jfittex lill-impjegatur tiegħu fil-qrati tal-Istat Membru fejn il-ħaddiem ikun domiċiljat.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 5.9.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 2<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Emer Costello, Frédéric Daerden, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Stephen Hughes, Jean Lambert, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Ruža Tomašić, Traian Ungureanu, Inês Cristina Zuber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Malika Benarab-Attou, Richard Howitt, Anthea McIntyre, Ria Oomen-Ruijten, Antigoni Papadopoulou, Csaba Sógor |